**Kulleġġ Santa Margerita**
**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2013**

---

**Ir-Raba' Sena** | **Malti Kitba** | **Ħin: Siegħa u Kwart**

---

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** __________

| | **Il-Qari u l-Kitba** |
|---|---|
| Il-marki ta' din it-taqsima | |
| Il-marki tal-istudent/a | |

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb l-isem u l-kunjom, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

**Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.** **(20 marka)**



## Flip

Flip kienet qattusa ċkejkna. Kienet toqgħod m'ommha fil-miżbla fejn twieldet ma' ħamest ifrieħ oħra. (*par.1*)

Ta' kull filgħodu wara li Flip u ħutha jixorbu mingħand il-mama` tagħhom, kienu joqogħdu flimkien, isaħħnu lil xulxin ġo kaxxa kbira tal-kartun. (*par.2*)

Aktar ma jgħaddu l-ġranet, aktar Flip u ħutha bdew jikbru u jsiru qtates sbieħ. Il-pil tagħhom kien nadif u oħxon. Ommhom kienet dejjem tara li jkunu nodfa. Peress li qatt ma kienu għadhom ħarġu mill-kaxxa tagħhom, qatt ma tħammġu. (*par.3*)

Sakemm huma jkunu jistennewha fil-kaxxa, il-mama` kienet tmur tfittex l-ikel. Għodwa waħda, il-mama` ħarġet bħas-soltu. Qabel telqet qaltilhom: "Qisu li ħadd minnkom ma joħroġ minn ġol-kaxxa. Illum, meta niġi lura noħorġu flimkien. Il-miżbla kbira ħafna u hawn ħafna perikli. Mil-lum se jibdew il-lezzjonijiet. Issa kbirtu biżżejjed biex tibdew tifhmu." (*par.4*)

Il-mama` telqet bħas-soltu imma ma reġgħetx marret lura. Mhux għax riedet, imma meta qasmet it-triq, ġiet karozza għal fuqha ssuq b'veloċita' qawwija! Il-frieħ bdew jiddejqu jistennew. Huma bdew jibku bil-ġuħ, bil-għatx u għal ommhom. Meta beda jidlam, bdew jibżgħu. Qatt ma kienu qattgħu lejl waħidhom. Qabel dejjem kien ikun hemm ommhom tieħu ħsiebhom. (*par.5*)

(*silta meħuda mill-ktieb* ***Flip, il-Qattusa tal-Iskipp -Natalie Portelli***)

A. **Immarka b'salib (x) ħdejn kull sentenza taħt Veru jew Falz** (5 marki)

| | Veru | Falz |
|---|---|---|
| 1. Flip kienet qattusa kbira. | | |
| 2. Flip twieldet ma' sitt ifrieħ oħra. | | |
| 3. Meta bdew jikbru Flip u ħutha bdew isiru qtates sbieħ. | | |
| 4. Il-qtates kienu maħmuġin. | | |
| 5. Il-qtates kienu jistennew lil ommhom fil-kaxxa. | | |

B. **Issa aqra, ifhem u wieġeb b'sentenzi sħaħ.** (15 -il marka)

1. X'jisimha l-qattusa ċkejkna ta' din l-istorja? *(par.1)*

______________________________________________ (1)

2. X'kienu jagħmlu Flip u ħutha ta' kull filgħodu? *(par.2)*

______________________________________________ (1)

3. Kif kien il-pil tal-qtates? *(par. 3)*

______________________________________________ (1)

4. X'kienet tagħmel il-mama` sakemm it-tfal tagħha joqogħdu jistennewha? *(par.4)*

______________________________________________ (1)

5. Għaliex bdew jibku l-frieħ? *(par.5)*

______________________________________________ (1)

6. Fi x'ħin bdew jibżgħu? *(par.5)*

______________________________________________ (2)

7. Min kiteb din l-istorja?

______________________________________________ (2)

8. Taħseb li omm it-tfal baqgħet ħajja? Għaliex?

______________________________________________ (3)

9. Kif taħseb li tkompli din l-istorja?

______________________________________________ (3)

## Ċ **Daħħal l-artiklu.** (5 marki)



Marija tmur l-iskola kuljum. Tqum kmieni filgħodu, tieħu ___ te, tpoġġi ___ ħobż fil-basket u terħilha għal għonq it-triq. ___ għalliema kif ukoll ___ ħbieb ta' Marija jieħdu ħafna gost flimkien. ___ lezzjonijiet dejjem ikunu interessanti. Kif isir ___ ħin biex tmur lura ___ dar, Marija tibqa' sejra ___ Msida biex tipprattika ___ sport favorit tagħha. Kemm tieħu gost tilgħab ___ futbol!

## D. **Imla l-vojt skond il-kolonna fuq il-lemin** (5 marki)

| | |
|---|---|
| 1. Dejjem xtaqt li nrabbi ______________. | **Singular** ta' **qtates** |
| 2. It-toroq għandna nżommuhom ______________. | L-**oppost** ta' **maħmuġin** |
| 3. Il-______________ isfar huwa l-favorit tiegħi. | **Kelma oħra** flok **lewn** |
| 4. Fil-Port jidħlu ħafna ______________. | **Plural** ta' **vapur** |
| 5. Inħobb niekol il-ħobż bit-tadam. | ***Aqta' sing*** taħt il-**vokali** |
| 6. Qanpiena - ______________. | Aqsam f'**Sillabi** |
| 7. Mark staħba ______________ il-mejda. | Daħħal **Prepożizzjoni** |
| 8. Inħobb naqra kotba ______________. | Daħħal **Aġġettiv** |
| 9. Nixtieq immur ______________. | Daħħal **Nom Propju** |
| 10. Ommi naxret ______________ ħwejjeġ. | Daħħal in-**Nom Verbali** |



E. **Mill-Għerq oħroġ Verb li jagħmel sens fis-sentenza.** (5 marki)

1. Rita ________________(**x-r-b**) il-ħalib kuljum.
2. Pawlu ________________(**ħ-r-ġ**) mill-bieb tax-xellug.
3. Kemm ________________(**f-r-ħ**) bir-rigal li qala'.
4. L-għalliema ________________(**k-t-b**) nota lill-ġenituri meta jkun hemm bżonn.
5. It-tfal ________________(**ħ-s-l**) jdejhom wara l-lezzjoni tal-arti.

F. **Ikteb Slogan favur l-Annimali sabiex ma jkunx hawn aktar moħqrija fuqhom.**

(5 marki)

___________________________________________________



Ġ. **Ikteb mhux anqas minn GĦAXAR SENTENZI dwar WIEĦED minn dawn:**

(20 marka)

1. **Iz-Zija Tiegħi.**

X'jisimha? Fejn toqgħod? Xi tħobb tagħmel?



2. **Ħarġa ma' tal-iskola.**

Meta mort? Fejn mort? Ma' min mort? X'għamiltu? Ħadtu gost?



3. **Jien Kompjuter.**

X'jismek? Min hu sidek? X'tagħmel? Kuntent b'ħajtek?



4. **Kompli dan id-djalogu minn fuq it-telefon:**

(Sara taqbad it-telefon u ċċempel in-numru tal-ħabiba tagħha Kim li tinsab l- isptar...Trinn Trinn .... Trinn Trinn...



Kim: Ħelow?!

Sara: Ħelow Kim... Jien Sara! Rajt lill-mama` tiegħek u qaltli li qiegħda l-isptar! X'ġaralek?

Titlu: ______________________________________________

**Il-Pjan - hawn taħt ippjana x-xogħol tiegħek qabel ma tibda tikteb.**

TMIEM IL-KARTA